MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 28/2010/1

**John Camilleri**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

[1] Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fis-27 ta' Frar 2012 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet l-ewwel eccezzjoni sollevata

mill-intimat tar-*res judicata* billi laqghetha u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess.
[2] Il-mertu ta' dan l-appell huwa ristrett ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkonkludiet li ghal gudizzju kien josta l-*eadem causa petendi,* peress li diga` jezisti gudikat defenittiv dwar il-mertu.

[3] L-eccezzjoni in dizamina taqra hekk:

"In linea preliminari, din il-kawza hija ntiza espressament sabiex terga' tiddiskuti mill-gdid mertu li diga` gie trattat u deciz fil-kawza fl-ismijiet '*John Camilleri v. Avukat Generali* [App.Civ.nru.7/09] deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010, u dan jakkozza ma' l-awtorita` ta' res judicata stabbilita permezz tal-imsemmija sentenza…."

**<u>Fatti</u>**

[4] Il-fatti relevanti huma dawn.

[5] B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' April 2008, u li kkonfermat sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Novembru 2005, ir-rikorrent kien gie definittivament misjub hati talli, fis-27 ta' Dicembru 2001 u l-granet ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu droga *ecstasy* f'cirkostanzi tali li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u, filwaqt li gie kkundannat piena karcerarja u multa, giet ordnata "il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes u proprjeta` ohra mobbli jew immobbli tal-hati[1]."

[6] L-artikoli tal-ligi li fuqhom ir-rikorrent intsab hati gew indikati mill-Qorti Kriminali. Dawn huma: l-Artikolu 120A[1][a], 2[a][i][aa][bb], 40A tal-<u>Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet</u> li ghandhom x'jaqsmu maghha [Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta] u l-Avvizi Legali 22/85 [Regolament 5[1], 70/88 u 183/99, kif ukoll l-Artikolu 22[3A] tal-<u>Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi</u>

[1] Sentenza Qorti Kriminali 16 Novembru 2005

[Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.]

[7] Ir-rikorrent intavola proceduri quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, fejn ilmenta, *inter alia*, li l-ordni tal-konfiska kienet tikkostitwixxi ksur fil-konfront tieghu taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni], u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess. Quddiem dik il-Qorti r-rikorrent imposta din il-kawzali f’dawn it-termini:

“L-esponent gie kkundannat li kull proprjeta’ tieghu mobbli jew immobbli, anke dik li m’ghandhiex x’ taqsam mar-reat, tigi konfiskata favur il-Gvern ta’ Malta.

“Illi skond l-Att tal-akkuza huwa gie misjub hati ghall-granet ta’ qabel is-27 ta’ Dicembru 2001 [ ghalkemm is-sentenza tghid 27 ta’ Dicembru 2006] kellu fil-pussess tieghu d-droga hekk misejha ecstasy.

“Il-konfiska li giet ordnata ma tapplikax ghal meta huwa kien ghamel ir-reat, imma anke ghal zmienijiet ohra li fihom lanqas kellu ombra ta’ akkuza li ghamel xi haga.

“Il-ligi kif inhi tordna l-konfiska tal-proprjeta’, pero’ tali piena ma tistax testendi ghall-fatti li graw qabel l-allegat reat, altrimenti din tkun estensjoni u nterpretazzjoni estensiva tal-Ligi Penali billi qieghda tipprova tilhaq that kundanna penali fatti li huma antecedenti, anke ghall-akkuza, b’ mod li l-piena qed tigi estiza rragjonevolment u llegalment.

“Jirrizulta manifest li l-esponenti kien jahdem anke mis-sentenza [sic], kellu barriera, u kellu vetturi. Minn relazzjoni li kien hemm fil-process tal-assi li kellu, jirrizulta li kellu vetturi li kienu gew akkwistati ferm u ferm qabel it-terminu msemmi fil-kawza.

“Illi dik ma kienitx proprjeta’ li gejja mir-reat, u konsegwentement ma kienitx imniggsa b’ tali reat. Barra minn hekk kienet tappartjeni ukoll lill-komunjoni tal-

akkwisti ma' martu, u martu ser tigi kkundannata, wkoll ghal piena ta' reat li qatt m' ghamlet.

"Illi tali konfiska ghall-oggetti proprjeta' li mhux imdahhla fl-ambitu tal-akkuza huma esproprijazzjoni li mhix skond il-ligi, u jekk il-ligi Maltija taghmel dan legali, dan mhux legali fis-sens tal-konvenzjoni Ewropea."

[8] L-ewwel Qorti cahdet din it-talba tar-rikorrent, wara li, *inter alia*, osservat hekk in propozitu ghal din il-kawzali:

"Ta' min isemmi li dan il-provvediment [Art.120A[2A] tal-Kap.31] tal-ligi kien jezisti meta sehh ir-reat li bih gie akkuzat ir-rikorrent u kwindi mhux kaz ta' impozizzjoni ta' piena li ma kienitx tezisti fiz-zmien li sehh l-allegat reat; kwindi l-artikolu 7[1] tal-Konvenzjoni ma jistax jitqies li gie miksur[2]."

[9] Min-naha taghha din il-Qorti f'dik il-kawza kkonfermat is-sentenza wara li, *inter alia*, osservat:

"F'dan il-kaz ir-rikorrent instab hati that il-ligi kif kienet meta gie kommess ir-reat u nghata piena kontenuta f' dik il-ligi , u ma kien hemm ebda retroattivita' ta' ligi jew piena[3]."

**Is-Sentenza Appellata**

[10] Illi permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrent qed jilmenta li gie lez id-dritt fundamentali tieghu kontenut fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, peress li:

"Fi ftit kliem illi l-esponenti kien ikkundannat ghall-piena li skond il-ligi ta' dak iz-zmien ma kienitx prevista mill-ligi. Dan qieghed jinghad dwar il-konfiska".

[11] Imbaghad ikompli jispjega li l-ordni tal-konfiska kienet bazata fuq l-Artikolu 24[1][e] tal-Kap.101 li dahal

---

[2] Sentenza PA 7/2009 **John Camilleri v. Avukat Generali** – 12/2/2010 pga.23

[3] Sentenza Q.Kos. 7/2009 – Ibid – pga.38

fis-sehh fis-sena 2007 bl-Artikolu 38 tal-Att XXX1, u cioe` wara l-perjodu nkriminat, stante li hu kien gie misjub hati ta' reat li sar fis-sena 2001. Jghid:

"Ghalhekk meta l-Qorti Kriminali tat is-sentenza taghha fis-16 ta' Novembru 2005, u fuq talba tal-prosekuzzjolni, li ma kellha l-ebda bazi legali li taghmilha, ordnat il-konfiska, kienet qed tapplika piena illi ma kienitx previstamill-ligi fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat. Nulla poena sine lege. L-istess zball naturalment [sic] tkompla fil-Qorti tal-Appell."

[12] Huwa ghalhekk talab li l-Qorti:

"… … [1] tiddikjara li fil-konfront tieghu kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u [2] konsegwentement thassar u tannulla, bhala rimedju, l-konfiska tal-beni kollha mobbli u mmobbli tal-esponent kif ordnat bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Novembru 2005, u konfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-24 ta' April 2009."

[13] Kif fuq premess, l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tar-*res iudicata*, u ghalhekk cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet, limitatament ghall-vertenza dwar l-element tal-*eiusdem causa petendi*:

"<u>L-istess mertu *(eadem causa petendi)*</u>

"Illi fil-kawza fl-ismijiet Don Vincenzo Galea noe vs Luigi Camilleri deciza nhar il-15 ta' Frar 1957 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, gie ritenut li "*wiehed mill-elementi tar- "res judicata" hija l-"eadem causa petendi"*. Illi il-Professur Caruana Galizia f'"Notes n Civil Law" [Pt.4 p.1428] jispjega li l-*causa petendi* hi "*the title on which the demand is based"*. Illi ghalhekk, dan huwa t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Dan l-element jirrikjedi li '*the cause of the claim*' kontenuta fit-talba lgdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-causa petendi hi '*the title on which the demand is based'*.

“Illi ghalhekk sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali ontenuta fittalba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba id-diversita` ta' motivi tal-‘*causa petendi*’.

“Illi matul iz-zmien inqalghu ghadd ta' diffikultajiet dwar ittifsira xierqa li ghandha tinghata lill-frazi l-"*istess kawzali*" (eadem causa petendi), l-izjed dwar kemm ghandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun gie deciz u dak li jkun qieghed jintalab fit-tieni kawza. Huwa tassew ovvju li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat ma' l-ezistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati millgudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza.

“Fil-kawza odjerna ir-rikorrenti15, jishaq bl-akbar qawwa li lkwistjoni li dwarha titressaq l-eccezzjoni tal-gudikat jehtieg li, fil-fatt, tkun giet effettivament deciza fl-ewwel sentenza u mhux biss setghet giet deciza, izda l-qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument u dan ghaliex il-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut filkawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi taleccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss millparti li kellha interess li tiddiskutih. Hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu tal-azzjoni, kien imissha, jew setghet, giet sollevata in relazzjoni ghallazzjoni stess. Dicitura differenti fl-impostazzjoni ta` zewg azzjonijiet rigwardanti l-istess mertu ma jeskludix l-eadem res.

“Illi il-bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat. Huwa proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li s-sentenza ghandha tkun motivata u li jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-decizjoni taghha. Huwa minhabba dawk irragunijiet li wiehed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti

taqta' l-kawza kif fil-fatt qatghetha. Kien ghalhekk li jinghad li d-dispozittiv ta' sentenza m'ghandux jittiehed separatament mill-motivat, imma ghandu jigi minn dan definit u spjegat;

“Illi fil-qosor jinghad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit 15 In-nota tar-rikorrenti esebita a fol 44 tal-process tal-identita' tal-oggett li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eccezzjoni tal-gudikat;

“Illi il-qorti tissolleva li l-kawzali tal-kawza odjerna hija principalment il-lanjanza tar-rikorrenti li, dejjem skond hu, il-Qorti tal-Appell applikat b’mod retroattiv il-piena talkonfiska tal-mobbli u l-immobbli. Jigi rilevat ukoll li din illanjanza tal-allegata retroattivita’ tal-piena msemmija kienet diga’ giet migjuba a konjizzjoni tal-Qorti li tat lewwel sentenza fl-istess ismijiet premessi (u li ghaddiet in gudikat), u l-istess qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-Qorti Kriminali ma kienitx applikat din il-piena b’mod retroattiv u ghalhekk, ma rrizulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Jirrizulta li r-rikorrenti baqa’ mhux sodisfatt minn din is-sentenza u ghalhekk, permezz tal-kawza prezenti qieghed jerga’ jittenta jargumenta li l-piena talkonfiska giet applikata b’mod retroattiv (dan jirrizulta anke min-nota ta’ sottomissjonijiet li ghamel l-istess rikorrenti u li hija esebita a fol 44 tal-process) izda il-qorti tirrimarka li dan il-punt, kif diga’ intqal, gie deciz b’mod definittiv u ghalhekk din il-qorti m’ghandha ebda lok sabiex terga’ tezamina dak li diga’ gie ezaminat mhux biss fl-istadju ta’ quddiem l-ewwel Qorti izda wkoll fl-istadju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Gialadarba allura jirrizulta bl-aktar mod car li z-zewg kawzi in kwistjoni jduru fuq il-lanjanza tar-rikorrenti dwar l-allegata retroattivita’ tal-piena talkonfiska (u li dwarha diga’ hemm decizjoni definittiva), ilqorti tara illi t-tielet element tal-kawzali gie pruvat ukoll.”

## L-Appell

[14] Illi r-rikorrent qed isejjes l-aggravju tieghu fuq il-pretensjoni li l-*causa petendi* mressqa minnu fil-kawza numru 7/2009 hija differenti minn dik li fuqha qed jibbaza

l-kawza odjerna, cioe` dik bin-numru 28/10. Jispjega li, filwaqt li fl-ewwel kawza l-*causa petenedi* kienet l-interpretazzjoni estensiva tal-Ligi Penali, fil-kawza odjerna l-*causa petendi* hi li meta sar ir-reat il-piena tal-konfiska ghar-reat ta' pussess tad-droga mhux ghall-uzu esklussiv, ma kinitx ghadha giet fis-sehh. Ikompli jsostni li dan fil-fatt giet fis-sehh bl-Att XXX1 tas-sena 2007, sitt snin wara d-data tal-allegat reat.

[15] Hu jkompli jispjega l-aggravju tieghu f'dawn it-termini:
"… ... l-ewwel Qorti kienet ghal kollox zbaljata fuq l-elment tal-eadem causa petendi. Forsi ahjar minn causa petendi wiehed jghid ratio petendi li nsibu wkoll fis-sentenzi. F' din il-kawza l-bazi jew ir-ratio petendi hija <u>kompletament differenti</u> mill-kawza Kostituzzjonali 7/2009. Hawnhekk il-kwistjoni mqajjma unikament that l-Artikolu 7 hija l-inezistenza tal-ligi penali fil-mument tal-kummissjoni tar-reat. M'hijiex kwistjoni ta' interpretazzjoni estensiva tal-ligi penali li taqa' ukoll that l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-extensive interpretation.

"Jekk wiehed jezamina bir-reqqa l-motivi li fuqhom giet bazata t-talba tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 7 marbuta f' dak il-kaz mal-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa manifest li l-kwistjoni tal-ezistenza tal-ligi fil-mument tar-reat bl-ebda mod ma kienet sollevata u lanqas il-Qorti ma dahlet fiha hlief illil ghamlet referenza illi l-ligi kienet tezisti, u dan fis-sentenza tal-Prim Awla, u l-Qorti Kostituzzjonali baqghet ghaddejja fuq l-istess.

"Imma ma hemm l-ebda motivazzjoni tal-Qorti li turi li giet investita l-kwistjoni tal-ezistenza tal-ligi.

"Dan ittiehed for granted minn kulhadd fil-kawza 7/2009.

…………………omissis …………………………

"Ghalhekk huwa manifest li bejn l-ewwel kawza u cioe' dik bin-numru 7/2009 u dik odjerna, il-bazi legali hija kompletament differenti. Ir-ratio petendi hija differenti.

Hawnhekk qed jigi attakkat il-fatt illi l-esponenti gie moghti piena li fil-mument tar-reat ma kienitx tezisti assolutament u mhux kwistjoni li ligi ezistenti giet applikata estensivament."

[16] Ghaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob minn din il-Qorti r-revoka tas-sentenza appellata, u minflok, li tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

[17] Min-naha tieghu l-intimat, permezz ta' risposta, wara li spjega dettaljatament l-oggezzjonijiet tieghu ghar-rikors tar-rikorrent, talab il-konferma tas-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

[18] Fis-succint, ir-raguni principali indikata mill-intimat ghall-oggezzjoni tieghu hija li l-vertenza proposta mir-rikorrent f'din il-kawza, diga` giet ezaminata u deciza fil-kawza 7/2009, kemm mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] kemm mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat l-istess decizjoni.

[19] Jghid:

"... … wiehed isib li dawn iz-zewg qrati moghnija b' kompetenza kostituzzjonali kienu dahlu u ppronuncjaw ruhhom b' mod esplicitu fuq tema ta' jekk fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat kientix tezisti l-konsegwenza tal-konfiska fuq il-gid fil-kaz ta' htija that d-dispozizzjonijiet tal-Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta."

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

[20] Illi fl-ewwel lok jigi ribadit li l-vertenza in dizamina hija ristretta ghal element wiehed tar-*res iudicata*, u cioe` dak tal-*eadem causa petendi*, u dan peress li l-istess rikorrenti fir-rikors stqarr li mhux ser iqajjem kwistjoni dwar iz-zewg elementi l-ohra.

[21] In tema legali, huma relevanti s-segwenti principji guridici regolanti l-materja u li gew abbraccjati fil-gurisprudenza nostrana.

[22] Illi l-identita` tad-domandi fiz-zewg kawzi ma hemmx ghalfejn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita` fuq il-punt kontrovers li fit-tieni kawza jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel kawza.[4] Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss u ma giex diskuss mill-parti li kellha tiddisksutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; ukoll, il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` ta' motivi tal-*causa petendi*[5]. Hemm gudikat implicitu meta d-decizjoni tkun konsegwenza necessarja tad-dispozizzjoni espressa, ghax il-volonta` tal-gudikant tista' tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza.[6] Il-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni kien messha jew setghet giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess.[7] Finalment, jinsab ritenut li "Ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk *imputet sibi;* u s-sentenza precedenti ma tistax tigi injorata u mqieghdha fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha".[8]

[23] Applikati dawn il-principji ghall-kaz in dizamina, din il-Qorti tosserva li kawzali formanti l-bazi taz-zewg kawzi hija l-inapplikabbilita`, ghall-proprjeta` konfiskata, tal-ligi li tippreskrivi l-ordni ta' konfiska f'kaz ta' reat ta' pussess tad-droga *ecstacy* mhux ghall-uzu esklussiv. Fi kliem iehor, l-ordni tal-konfiska fuq il-proprjeta` tieghu kienet imposta illegalment mill-qrati kriminali.

---

[4] Ara. **App.C Cassar v. Zammit** deciz 10/12/1956; ***App.C.*** **Rita Borg v. Francis Borg** deciz 3/10/2008.

[5] Ara. ***App.C*** **Carmelo Bonello v. Edgar Cuschieri** deciz 6/3/1950 Vol.XXXIV.I.74; u ***App.C*** **Joseph Vella v. Emanuel Falzon** deciz 25/2/1997 Vol.LXXXI.II.307.

[6] Ara ***App.C*** **Eugenio Borg ne v. Saverio Farrugia** deciz 31/3/1952 Vol.XXXVI.I.75

[7] Ara. ***App.C*** **Antonio Magri v. Emanuele Dingli** deciz 27/4/1953

[8] Ara ***App.*** **Carmelo Camilleri v. Spiru D' Amato** deciz 2/3/1956 Vol.XLA.I.65].

[24] In sostenn ta' din il-bazi legali, ir-rikorrent ressaq formalment zewg sottomissjonijiet, f'zewg kawzi differenti, meta seta' ressaqhom, anke alternattivament, f'kawza wahda, stante li l-punt li l-Qorti fl-ewwel kawza kienet mitluba li tinvesti, u cioe` dak tal-inapplikabbilita` tal-ligi ghall-proprjeta` tar-rikorrenti, involva lil dik il-Qorti fl-ezami tal-punt jekk fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat il-ligi dwar il-piena tal-konfiska kinitx tezisti. Dan jirrizulta car mill-konsiderazzjonijiet maghmula minn dik il-Qorti li, wara li ezaminat dan il-punt, u ccitat l-artikoli relattivi, kkonkludiet, u espressament iddikjarat, li *"Ta' min isemmi li dan il-provvediment tal-ligi [li bis-sahha tieghu giet ordnata l-konfiska] kien jezisti meta sehh ir-reat ….*[9]*"* Dan gie sussegwentement konfermat minn din il-Qorti f'dik il-kawza meta osservat li r-rikorrent inghata piena kontenuta fil-ligi fiz-zmien meta sar ir-reat, u ma kien hemm ebda retroattivita`.

[25] Issa, wara li dan il-punt gie definittivament deciz fil-kawza 7/2009, mhux lecitu li l-appellant jipproponi l-istess domanda, f'forma differenti, billi jibqa' jsostni li l-ordni tal-konfiska nharget illegalment, u jqajjem l-istess punt li fuqu kellu l-opportunita` li jespandi fil-kuntest tal-ewwel proceduri, b'tentattiv li jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni, ghax jekk dan jigi accettat il-process gudizzjarju b'daqstant ikun qed jigi stultifikat u rez interminabbli jew ineffikaci.

[26] Illi lanqas hija legalment valida l-analogija li r-rikorrent ipprova jaghmel ma' kawza ta' annullament bazata fuq wiehed jew iehor mill-paragrafi kontenuti fl-Artikolu 19[1] tal-Kap. 225 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex f'dan is-subartikolu kull paragrafu tieghu hu *causa petendi* separata.

[27] Illi rigward il-kazijiet citati mir-rikorrent fl-aggravju tieghu, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijet:

---

[9] Supra

[a] Rigward il-kawza **App.C.Adrian Busietta v. Marco Attard**[10], il-Qorti tosserva li l-eccezzjoni tar-*res iudicata* kienet giet michuda f'din il-kawza, stante li l-ewwel kawza kienet azzjoni kambjarja, filwaqt li l-mertu tat-tieni kawza kienet l-obbligazzjoni li minhabba fiha kienet inharget il-kambjala. Ghalhekk kien manifest li r-*ratio petendi* fiz-zewg kawzi kienu differenti, tenut kont tal-fatt li l-azzjoni kambjarja hija awtonoma u ndipendenti mill *causa obligationis* li minnha harget il-kambjala.

[b] Rigward il-kawza **Lawrence Gatt v. Malta**[11], il-Qorti tosserva li din il-kawza, ma kinitx tikkoncerna l-eccezzjoni tar-*res iudicata*, u ghalhekk hija rrilevanti ghal-vertenza in dizamina. Kif lanqas ma hija relevanti ghall-punt kontrovers il-kawza **Alimucaj v. Albania**[12]li ma nvestitx il-punt tar-*res iudicata*.

[c] Rigward il-kawza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Paola Farrugia et v. Kummissarju tal-Artijiet**[13]**,** il-Qorti tosserva li, ghalkemm f'din il-kawza kienet giet respinta l-*exceptio judicata* ghar-raguni li l-*causa petendi* ma kinitx l-istess fiz-zewg kawzi, il-Qorti osservat li, filwaqt li l-ewwel kawza kienet wahda ta' stharrig gudizzjarju taht il-Kap. 88 quddiem il-qrati ordinarji, it-tieni wahda kienet ta' natura kostituzzjonali li tirrigwarda stharrig ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Fl-ahharnett, ghall-finijiet tal-kompletezza, il-Qorti tosserva li z-zewg qrati fil-kawza numru 7/2009 gibdu l-attenzjoni tar-rikorrent ghar-rimedju kontenut fid-dispost tal-Artikolu 22C tal-Kap. 101 [applikabbli ghall-Kap. 31 bl-Artikolu 120A[2B],disponibbli kemm ghalih kif ukoll ghal terzi dwar proprjeta` irregolarment maqbuda bl-ordni tal-konfiska, izda r-rikorrent xorta wahda ghazel li jipprezenta l-kawza kostituzzjonali odjerna.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

---

[10] Deciza 9/2/2001
[11] Appl.28221/08 - Deciza 27/7/2010 mill Qorti Ewropea
[12] Appl.24095/05 - Deciza 7/2/2012 mill-Qorti Ewropea
[13] Deciza 30/4/2009 [23/2004/1]

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata;  bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------